MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 1704/2001/1

**Jeffrey Caruana**

**v.**

**Carmel Montesin**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur:

“Peress illi fil-11 ta’ Jannar 1999 ghall-habta tas-siegha u kwart ta’ wara nofsinhar (1.15 pm) il-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura tat-tip Hyundai Stellar targata CAB 153 fi Triq Abate Rigord, Ta’ Xbiex, ikkawza incident awtomobilistiku mal-mutur tal-marka Suzuki Intruder targat HAB 731 li kien qed jigi misjuq mill-attur;

“U peress illi fl-incident imsemmi l-attui sofra danni, inkluz korriment, debilita’ u nkapacita’ permanenti, kif ukoll danni kbar fil-mutur tieghu;

“U peress illi l-attur ghamel hafna spejjez u tilef hafna qliegh per konsegwenza ta’ l-incident imsemmi;

“U peress illi l-imsemmi incident sehh unikament tort u htija, b’negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

“U peress illi l-konvenut gie interpellat ghal diversi drabi sabiex ighaddi ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni kawzati minnu, izda baqa’ inadempjenti;

“Ghaldaqstant ighid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja -

“1. Tiddikjara li ghall-incident awtomobilistiku de quo li sehh fi Triq Abate Rigord, Ta’ Xbiex, fil-11 ta’ Jannar 1999 ghall-habta tas-1.15 p.m. bejn il-vettura tat-tip Hyundai Stellar targata CAB 153 misjuqa mill-konvenut u l-mutur tal-marka Suzuki Intruder targat HAB 731 misjuq mill-attur huwa responsabbli biss l-istess konvenut.

"2. Tillikwida, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-attur rizultat ta' l-incident aawtomobilistiku fuq deskritt.

"3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

"Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali ta' April 1999, ta' Awissu 2000, u tal-20 ta' Frar 2001 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenut li taqra hekk:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante li l-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza sehh unikament tort tal-istess attur hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur.

"2. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-quantum tad-danni pretiz mill-attur huwa esagerat.

"3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-13 ta' Lulju 2010 li permezz taghha hija laqghet it-talbiet kollha tal-attur u kkundannat lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlettax-il elf, mija u sitta u sittin Euro u tmienja u

sittin centezmi (€13,166.68) lill-attur bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza u l-ispejjez;

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu huwa talab illi din il-Qorti:

> "1. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn il-konvenut appellanti gie ddikjarat unikament risponsabbli ghall-incident mertu tal-kawza;
>
> "2. Thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn id-danni sofferti mill-attur gew illikwidati fl-ammont ta' tlettax-il elf, mija u sitta u sittin Euro u tmienja u sittin eurocentezmi (€13,166.68) u minflok:
>
> > "a. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur appellat fl-ammont komplessiv ta' sitt elef, tliet mija u disgha u tletin Euro u disgha u ghoxrin eurocentezmi (€6,339.29)
> >
> > "b. Tikkundanna lill-attur appellat sabiex ihallas l-ammont hekk illikwidat; bl-ispejjez tal-ewwel istanza kontra l-konvenut appellanti, izda bl-ispejjez ta' dan l-appell kontra l-attur appellat;
>
> U dan salv kwalunkwe provvediment iehor illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi."

Rat ir-risposta tal-appellat li permezz tieghu, wara illi irrespinga l-aggravji tal-appellant fir-rigward tas-sentenza msemmija ppropona appell incidentali fejn talab li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn il-konvenut gie dikjarat unikament responsabbli ghall-incident u danni konsegwenzjali u

tirrevokaha inkwantu ghall-ammont likwidat bhala danni u minflok tillikwida *quantum* ta’ danni aktar xierqa ghac-cirkostanzi tal-kaz u dan fuq il-linja indikati minnu fir-risposta tieghu stess;

Rat ir-risposta tal-appellant illi permezz tieghu irrespinga t-talbiet kontenuti fir-risposta tal-appellat;

L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b’dan il-mod:

“**Lokalita’ tal-Incident**

“L-incident tat-traffiku in kwistjoni gara gewwa Triq l-Abate Rigord, Ta` Xbiex. Din hija t-triq li minn hdejn il-gnien li hemm il-Gzira kif taqbez il-Pont ta’ Manoel Island taghti dritt lejn ir-roundabout fejn hemm il-Qasam tad-Djar tal-Gvern ta’ Tax-Xbiex. It-triq hija wiesgha u tiehu t-traffiku fiz-zewg direzzjonijiet. Fil-parti tat-triq fejn hemm *showrooms* u anke ufficini ta’ kumpanniji ta’ assikurazzjoni, hemm xi toroq laterali fuq kull genb fosthom Triq il-Qotton. Din it-triq partikolari tinsab fuq il-lemin ta’ Triq l-Abate Rigord, meta thares fid-direzzjoni tar-roundabout, u fit-tarf taghha qabel tixref fuq it-triq principali hija kjarament senjalata bi STOP SIGN (DOK JCA u JCB – fol 28).

“**Provi dwar Responsabilita’**

“**L-attur** xehed li huwa kien qed isuq il-mutur tieghu fid-direzzjoni tar-roundabout mid-direzzjoni tal-Gzira. Kien ghaddej bi speed ta’ 30 kmfs ghax kien fit-telgha u ma kien bidel il-gear. F’waqt minnhom jara vettura Hyundai Stellar hierga minn Triq il-Qoton li ma baqghet hierga minn fuq l-istop sign ghal got-triq principali. Ghall-bidu haseb li din se tmur ‘l isfel lejn il-Gzira izda minflok qabdet u ghamlet U-Turn quddiemu. Kif ra hekk, l-attur ighid li ghafas

il-brake u daqq il-horn izda ma setax jiskansa l-habta. Meta ghafas il-brake, il-vettura kienet boghod minnu tul ta' xi ghaxar (10) metri. Il-Hyundai kellha n-Nru.CAB 153 u kienet misjuqa mill-konvenut (DOK JC6).

"Dwar l-isketch tal-incident (DOK JC7) rilaxxjat mill-pulizija, **l-attur** irrileva li d-dokument ma jurix ezattament dak li kien hemm fuq il-post. In partikolari, l-attur oggezzjona ghall-brakemark ta' 36.5 m. Skond l-attur, dan ma jistax ikun ghaliex, kif xehed, hu ra l-vettura l-ohra tul ta' 10 m boghod. Dakinhar stess tal-habta, xi qraba tieghu marru fuq il-post u kejlu l-brakemarks tieghu li kienu twal 33 pied biss.

"Skond **l-attur**, l-isketch mhux korrett anke ghaliex il-mutur waqaf fuq iz-zebra crossing li tidher fl-istess sketch. Prova ta` dan huwa r-ritratt DOK JC8.

"**L-attur** kompla jghid li fil-proceduri istitwiti kontrih mill-pulizija wara dan l-incident huwa kien liberat minn kull imputazzjoni u piena.

"**L-isketch u l-okkorrenza tal-incident** thejjew minn **P.S. 1113 Emanuel Aquilina** u l-kontenut taz-zewg dokumenti kienu konfermat bil-gurament minnu fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2002. Huma esebiti a fol 34 u markati DOK JC6. L-istess dokumenti regghu kienu esebiti minn fol 90 sa 94.

"Fl-okkorrenza, id-dinamika tal-incident skond il-verzjonijiet tax-xufiera hija deskritta bil-mod li gej -

> *""Driver of motorcycle Reg. HAB 731 stated that while he was proceeding up … of Abate Rigord Street towards Msida in moderate speed, vehicle Reg. CAB 153 emerged from a side street thus blocked the way of traffic, tried to avoid the colision but to no avail and dashed into the rear of vehicle CAB 153 …*
>
> *"Driver of vehicle No. CAB 153 stated that while was proceeding along Triq il-Qoton, Ta` Xbiex, at a moderate speed, stopped before emerging into Abate Rigord Street, and when he was sure that no vehicles were coming from both sides, emerged. Meanwhile he heard a crash from the back and saw a bike besides his vehicle."*

“Dwar il-hsara taz-zewg vetturi, l-okkoorenza tghid hekk –

“Il-motorcycle : *front part*

“Il-karozza : *left side running board, and left rear light and luggage boot*

“Fl-okkorrenza wkoll, hemm rilevat mis-surgent li kagun tal-incident, ix-xufier tal-mutur garrab griehi gravi fil-persuna tieghu, li l-mutur halla brakemark ta’ 36.05 m, u li f`tarf Triq il-Qoton hemm Stop sign. Meta xehed, P.S. 1113 Aquilina kkonferma li l-kejl li ha kien f`metri mhux piedi.

“Fix-xhieda tieghu, **P.S. 1113 Aquilina** kkonferma li z-zewg xufiera ma kellhomx passiggieri maghhom.

“**Nazzareno Caruana** (missier l-attur) ma kienx prezenti meta gara l-incident de quo. Ighid li avzawh bl-incident madwar tlitt sighat wara meta ibnu kien diga` rikoverat l-isptar. Hu mar l-isptar waqt li zewg uliedu ohra marru fuq il-post tal-incident billi kien avzat mill-pulizija li l-mutur ta’ ibnu kien ghadu mitluq f’nofs it-triq. Wara li kien infurmat li waqt l-incident il-mutur ta’ ibnu halla xi brakemarks, **Nazzareno Caruana** xehed li mar fuq il-post tal-incident. Fil-fatt huwa kejjel il-marka tal-brake li kien twil 33 pied. Kellu mieghu liz-zewg uliedu Joseph u Stephen. L-ghada rega` mar fuq il-post flimkien ma` bintu Carmen u hadu xi ritratti (DOK NC1 sa NC4). Ittiehdu xi ritratti wkoll tal-hsara fil-vettura tal-konvenut (DOK NC5 sa NC7).

“Xehdu wkoll hut l-attur **Joseph Caruana** u **Stephen Caruana** li fil-punti saljenti tal-kwistjoni sostnew dak mistqarr minn missierhom Nazzareno Caruana.

“Ghalkemm ma kienx xhud okulari tal-incident, **Warren Bugeja** mar flimkien mal-attur l-Ghassa tal-Pulizija tas-Sliema fejn dan tal-ahhar ilmenta mas-surgent li investiga l-incident dwar dak li l-attur kien qed iqis bhala zball fit-tul

tal-brakemark li halla l-mutur tieghu waqt l-incident. Minkejja l-ilmenti tal-attur, is-surgent ma bidel xejn mill-isketch.

"**Il-konvenut** xehed li huwa kien qed isuq fi Triq il-Qoton, Ta` Xbiex, bil-hsieb li jidhol fi Triq Abate Rigord u jdur lejn il-lemin biex imur lejn l-Msida. F`tarf Triq il-Qoton, hemm STOP u huwa waqaf. X`hin kien wieqaf, huwa hares fiz-zewg direzzjonijiet ta' Triq Abate Rigord biex jara kienx gej traffiku. Meta ma kien gej hadd, huwa hareg. Cahad li ried jaghmel U-Turn. Li ghamel kien li minhabba l-konfigurazzjoni ta` dik il-parti tat-triq, huwa ma qatax il-kantuniera fil-qasir izda l-ewwelkiser ftit lejn ix-xellug qabel iddritta fi Triq Abate Rigord. Meta kien diga` dritt fit-triq principali, hass daqqa fuq in-naha tax-xellug ta` wara tal-vettura tieghu. Wara li hass id-daqqa, waqaf u hareg mill-karozza, nduna li kien hemm mutur jitkaxkar magenbu fuq ix-xellug. Il-mutur baqa` jitkaxkar ghal quddiem il-vettura tieghu sa ma waqaf fejn huwa indikat fl-isketch. Fl-ebda moment qabel il-habta, ma ra l-mutur. Wara l-incident, innota li l-mutur halla brakemarks twal. Fil-proceduri istitwiti kontrih mill-pulizija, huwa gie liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu. L-isketch tal-pulizija huwa korrett.

"**Fil-kontroezami**, il-konvenut xehed li minn fuq l-istop sign ma kellu l-ebda xkiel biex jesplora tajjeb it-triq principali. Huwa qala` d-daqqa fil-kantuniera tax-xellug u l-mutur baqa` jitkaxkar mal-genb. Ix-xhud immarka bl-isfar fuq DOK CM4 il-parti tal-vettura tieghu fejn qala` l-ewwel daqqa.

"**Konkluzjonijiet dwar Responsabilita`**

"**L-Obbligi Generali tas-Sewwieq**

"In linea generali, fis-sentenza taghha tat-23 ta' Frar 1962 fil-kawza fl-ismijiet **"Debono vs Camilleri et"** (Vol.XLVI.I.112) il-Qorti tal-Appell irriteniet li sewwieq ghandu zewg dmirijiet ewlenin li huwa fl-obbligu li josserva kull hin –

"i) li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi tal-mument bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u rapporti ohra kontingenti ;

"ii) li jzomm *a reasonable and careful lookout* liema dmir igib mieghu li driver ghandu jara dak li huwa ragonevolment vizibblli.

"**Il-"*Proper Lookout*"**

"Riferibbilment ghal dan it-tieni obbligu, fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Laferla"** u **"Il-Pulizija vs Vella"** kien inghad li – *the duty to look implies the duty to see what is in plain view.*

"Inoltre fis-sentenza Ingliza "**Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Company Co. Ltd**." (1968) kien rilevat li –

*""Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead ; it includes an awareness of what is happening in one`s immediate vicinity." (ara wkoll – fost hafna ohrajn – "**Sacco vs Ellul**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/CS – 14 ta' Mejju 1982).*

"Dwar "*proper lookout*" din il-Qorti diversament presjeduta (PA/NC) korrettement osservat fis-sentenza taghha tal-15 ta'_Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet **"Zahra vs Vassallo"** li -

*"" ... dan l-obbligu huwa korollari ghall-principju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn 'bonus paterfamilias' u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq."*

"**It-Triq Principali, it-Triq Sekondarja u dik bi *STOP SIGN***

"Ir-Reg.76 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994 kif emendat) ighid li *triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha jkollu d-dritta ghas-sewqan u t-traffiku fit-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhom jaghmlu l-wisa` lil dak tat-triq principali.*

"Issa ghalkemm l-istess disposizzjoni tkompli ... *izda d-driver ta' kull vettura sew fi triq principali sew f`wahda sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega f'kull kantuniera*, huwa pero` fatt inkontestat li l-oneru tal-utent tat-triq laterali huwa aktar gravuz minn dak tal-utent tat-triq principali ghaliex il-manuvra li jkun ser jaghmel, fiha nnfisha, tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq principali ("**Stagno Navarra vs Saliba**" – Kollez. Vol. XLV.I.389)

"Fejn jidhlu l-i***stop signs***, ir-regola hija stretta. Art 75 tal-*Highway Code* ighid li "Stop means Stop".

"F'pagna 94 ta' "**Driving - The Department of the Environment Manual**" insibu li –

> *"" … on a stop sign you must stop. You must not then drive on and enter the major road until you can do so without causing danger or making drivers on that road change speed or direction."*

"F'pagna 369 ta' "**Negligence in Delict**" l-awturi Macintosh & Scoble ighidu hekk –

> *"" … stop streets are there to assist the traffic in the through street and to put the onus on drivers in the stop streets to halt and ascertain if they can proceed further with safety. Drivers in the through streets are entitled, therefore, unless put on their guard, to assume that the stop street drivers will obey stop signs …*

> *"… The driver upon approaching a stop street sign must bring his vehicle to a complete halt and must both look and listen in both directions in order to apprehend fully what vehicles are approaching, how far they are away, at what speed they appeaar to be progressing and then, only if quite satisfied that it is safe for him to enter the intersection, may proceed further …"*

"Il-Gibb f`pagna 62 tal-ktieb "**The Trial of Motor Car Accident Cases**" ighid hekk –

*"" … The side road user has a higher duty only in the sense that anyone who is called to fulfil a duty which is riskier than another duty is bound to use greater care than he who carries the other. Entering one road from another is more difficult than continuing straight along the same road, and for that reason the side road user must use more care."*

"Il-grad ta` diligenza, prudenza u attenzjoni li l-utent ta` triq sekondarja obbligat jezercita huwa li jcedi ghat-traffiku ghaddej fit-triq principali, li jesplora tajjeb din it-triq, u sahansitra jieqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista` johrog bla hsara ("**Camilleri vs Demicoli**" – Appell Civili – 27 ta' Lulju 1981). Ghalhekk l-utent ta` triq sekondarja, bhala *bonus paterfamilias,* huwa obbligat li jassikura ruhu minn qabel li mhux jista` jibda izda fuq kollox jispicca t-traversata tieghu sabiex b`hekk ikun jista` jsibu ruhu sewwa fit-triq principali minghajr xkiel jew periklu ghalih jew ghal haddiehor. Per konsegwenza, mhumiex permessi esitazzjonijiet, ripensamenti inkella sgiccjaturi. Minn dak ix-xufier, dak mistenni hija certezza ragonevoli dwar il-kondotta galbata tieghu fit-triq.

"Kif diga` rajna, l-ezercizzju tal-*proper lookout* huwa obbligu ta' kull xufier, izda fil-kaz tal-utent tat-triq sekondarja, dak l-obbligu jsir vitali billi fuq spallejh ghandu piz akbar. F'pagna 71 ta' "**Driving – The Department of Transport Manual**" insibu ndikazzjoni ta` safejn ghandu jisporgi sewwieq ta` triq sekondarja sabiex jara t-triq principali qabel johrog – "... *with your eyes far enough to be able to look right, left and right again, so that you have a full view of the junction before deciding whether to wait or go on*."

"Fis-sentenza taghha tat-30 ta' Marzu 1940 fil-kawza "**Il-Pulizija vs Grezzju Tanti**", il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk :-

*""Min ikun ser jidhol minn triq ghal go ohra, u allura jikser il-kurrent tat-traffiku li kien sejjer ghad-dritt u jaqsam l-istess triq traversalment ghandu joqghod ferm attent qabel ma jaqsam u jekk ikun hemm bzonn anke jieqaf."*

"Propju ghaliex kif diga` rajna kull xufier ghandu jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi u l-kondizzjonijiet tal-post li minnu jkun ghaddej, ghandu jinghad allura li d-dritta li ghandu l-utent tat-triq principali fil-konfront tax-xufier li jkun hiereg minn triq sekondarja mhuwiex bla limitu. Ghalhekk ghaliex anke hu jrid ikollu l-galbu ta' *bonus paterfamilias,* ma jistax jabbuza mid-dritta tieghu. Fi kliem iehor, ma jistax jaghmel li jrid, jaghlaq ghajnejh u ma jaghtix kaz ta' dak li jkun qed jigri quddiemu jew madwaru, u jwarrab fil-genb kull

regola ta` prudenza inkluz meta t-traffiku tat-triq sekondarja jkun ben in vista ghalih. Allura anke hu jrid jiehu l-prekawzjonijiet tieghu **skond il-kaz** (“**Camilleri vs Zammit**” – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 31 ta’ Ottubru 1970 ; “**Borg vs Sciberras**” - Appell Civili – 5 ta’ Frar 1971 ; “**Schembri vs Grech**” – Prim’ Awla tal-Qorti Civili – 23 ta’ Ottubru 1972 ; u “**Bezzina vs Borg**” – Prim’ Awla tal-Qorti Civili – 27 ta’ Awissu 1981).

“**Il-Kaz tal-Lum**

“Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-20 ta’ Jannar 1967 fil-kawza **“Bongailas vs Mercieca**” –

> *““Il-kwistjoni tar-responsabilita’ f’incidenti stradali wisq rarament tista’ tigi risolta semplicement bl-applikazzjoni ta’ regoli a priori. Ir-regoli generali jistghu jghinu bhala gwida izda kull kaz jiddipartixxi minn iehor u jrid jigi risolut in basi ghall-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari tieghu.”*

“Fil-kaz tal-lum, il-konvenut ighid li waqaf fl-*istop sign.*

“Jekk gara *tassew* hekk, allura l-konvenut kellu jara lill-attur gej u fit-tul fit-triq principali, tenut kont li rrizulta li ma kien hemm propju xejn xi jfixkel il-vizwali tieghu. Ghalhekk l-attur ma esercitax *proper lookout* ghax naqas, tort tieghu, li jara dak li kellu jkun *ragonevolment* vizibbli ghalih jew *in plain view*. Jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, allura dak huwa att ta’ auto-inkolpazzjoni.

“Jekk *tassew* waqaf u hares fiz-zewg direzzjonijiet, allura hsiebu kien band`ohra ghax altrimenti kien jara lill-attur tempestivament.

“Fil-kaz tal-lum, dak li jhasseb lil din il-Qorti huwa l-fatt accertat li ghalkemm, skond il-konvenut, it-triq principali kienet *clear* qabel hareg u seta` jara tajjeb, irnexxielu jintebah bl-incident tal-attur *wara* li hass id-daqqa, waqaf u *hemm* ra lill-attur fit-triq.

“Huwa ghal kollox irrilevanti, ghall-accertament tal-htija tal-konvenut, il-post fejn sfat milquta l-vettura tal-konvenut u cioe` jekk jekk kienx fil-ponta ta` wara tax-xellug inkella fil-genb ta` wara tax-xellug, kwistjoni ta’ mhux aktar minn pied distanza bejn punt ghal iehor. Il-fatt centrali huwa li l-konvenut, bhala utent ta` triq sekondarja, qabad u hareg fin-nofs ta` triq principali meta din it-triq ma kenitx libera mit-traffiku. Issa fejn intlaqat la jzid u lanqas inaqqas il-htija tieghu.

“**Ghal din il-Qorti, il-konvenut jahti ghall-incident u ghall-konsegwenzi tieghu**.

“**Issa dak li din il-Qorti ser tara huwa jekk il-konvenut kienx jahti wahdu ghall-incident, inkella l-attur *ukoll* bl-imgieba tieghu fit-triq kienx kawza *ohra* tal-incident**.

“Fil-ligi taghna, in-nozzjoni guridika tal-kontributorjeta` ghandha sinjifikat preciz.

“Skond l-**Art.1051** tal-Kap.16, sabiex ikun hemm kontribuzzjoni ghall-hsara, jehtieg –

> “(a) li jkun hemm *att ta` negligenza* da parti tal-persuna li tkun batiet il-hsara. Kif inghad fil-kawza “**Sacco et noe vs Bonnici**” (Appell Civili – 19 ta’ Frar 1962 – Kollez. XLVII.I.10) irid ikun hemm konkors ta’ htijiet : dik tal-konvenut u dik tal-attur.
>
> “(b) li din in-negligenza tal-persuna li tkun batiet il-hsara tkun *ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara* (ara – “**Bugeja noe vs Borg**” – Prim`Awla tal-Qorti Civili (PA/HH) – 11 ta’ Mejju 1983).

“L-attur ighid li qabel l-incident huwa kien ghaddej bi *speed* ta’ 30 kmfs. Dan mhux verosimili - lanqas jekk din il-Qorti taccetta li l-mutur tal-attur halla *brakemark* ta’ 33 pied (jew 10m). Infatti jekk din il-Qorti tiehu bhala *guideline* oggettiv l-Iskeda f`pag.56 tal-*Highway Code* issib li *brakemark* ta` 10m huwa abbinat ma` *speed* ta` madwar 45 kmfs flimkien ma` *thinking distance* ta` 9m.

“Ghall-fini ta` kjarezza, fejn jidhol l-*brakemark* tal-mutur, din il-Qorti se toqghod fuq il-prova accertata u ndipendenti ta’ PS 1113 Aquilina fis-sens li qed taccetta bhala attendibbli li l-mutur halla *brakemark* ta’ 36.5 metri. Altru milli l-kejl ta’ 33 pied f’epoka fejn kollox jitkejjel bil-metri u kejl ta’ 33 pied li ttiehed minn persuni li kellhom kull interess li, ghal ragunijiet ovvji, juru li l-kejl tal-*brakemark* tal-mutur kien iqsar. Skond l-Iskeda tal-*Highway Code*, dak it-tul ta’ *brakemark* huwa kompatibbli ma` *speed* ta` 75 kmfs bit-*thinking distance* tkun ta’ 15m. Mela l-*braking distance* u t-*thinking distance* flimkien jammontaw ghal 51.5m.

“Skond ir-Reg.127(1) tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994 kif emendat), ghal *motorcycle*, l-i*speed* massimu f’belt jew rahal huwa ta’ 50 kmfs waqt li l-i*speed* massimu barra minn belt jew rahal huwa ta’ 80 kmfs.

“Hawn tinsorgi l-ewwel domanda : Il-fatt li l-attur kien ghaddej bi speed in eccess tal-limitu regolamentari kien fattur kontributorju fir-responsabilita` ta` dan l-incident partikolari?

“Tinsorgi wkoll it-tieni domanda : Jekk l-i*speed* eccessiv ma kienx fattur kontributorju, il-fatt li l-attur lemah lill-konvenut ghall-ewwel darba minn distanza ta’ 51.5m u l-habta grat xorta jista` jkun prova ta` nuqqas ta’ *proper lookout* da parti tal-attur u allura ta` negligenza kontrobutorja ?

“Fil-gurisprudenza taghna, kien dibattut diversi drabi l-punt jekk speed huwiex fattur ta` kontributorjeta` ghal responsabilita` f`incident. Kien hemm sentenzi fejn kien ritenut li speed in eccess ta` dak regolamentari wahdu ma wassalx ghal responsabilita` - anqas fi grad parzjali jew kontributorju (“**Barna vs Hudes Merchandising Corporation**” – 1962 S.J. 194, C.A. ; “**Bartolo vs Micallef**” – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 16 ta’ Frar 1973 ; “**Grech vs Mizzi**” – Prim’ Awla tal-Qorti Civili – 23 ta’ Marzu 1973 u “**Agius vs Cachia**” – Appell Civili – 24 ta’ Novembru 1982). Ohrajn irritenew li speed eccessiv huwa fattur li ghandu jigi kunsidrat biex tigi stabbilita r-responsabilita`, partikolarment meta b’rizultat ta’ dan l-ispeed eccessiv il-hsarat ikunu kbar (“**Mamo vs Muscat Doublesin**” – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 9 ta’ April 1963). Din il-Qorti tghid li din hija biss divergenza *prima facie* ghaliex il-Qrati taghna dejjem qiesu kull kaz fuq il-fatti u cirkostanzi partikolari tieghu.

“Ghalhekk dwar l-ewwel kwestit, din il-Qorti tghid li huwa biss meta l-i*speed* ikun fattur determinanti u konkomitanti fid-dinamika ta' incident li jwassal biex isir fattur kontributorju. Taghmel riferenza ghall-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell fil-kawza “**Bonello vs Baldacchino”** deciza fil-15 ta’ Jannar 1997 u dawk ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza “**Stanley vs Zahra”** (PA/JSP) deciza fit-23 ta’ Marzu 1993.

“Applikat il-premess ghall-kaz tal-lum, u wara li qieset id-dinamika shiha tal-incident, dwar l-ewwel kwesit, din il-Qorti tghid li l-i*speed* tal-attur ma kienx fattur kontributorju u determinanti fir-responsabilita` ghar-raguni illi kieku l-attur kien ghaddej bi *speed* skonsiderat l-impatt mhux biss kien ikun aktar qawwi ghaz-zewg vetturi izda bhala effett tal-impatt l-attur kien jispicca distanti mill-*point of impact* li ghalkemm mhux indikat bil-preciz fl-isketch din il-Qorti tghid li kien qrib tal-post fejn tidher il-vettura tal-konvenut u allura propju faccata tal-*istop street*.

“Dwar it-tieni kwesit, din il-Qorti tghid li ghalkemm l-attur ra lill-konvenut minn distanza ta’ madwar 51.5 m, il-fatt li ma skansax l-incident mhux prova ta’ nuqqas ta’ *proper lookout. In the agony of a collision*, il-manovrabilita` ta’ mutur hija aktar problematika minn dik ta` vettura. Sewwieq ta` mutur certament ma jistax jahsad il-brake ghax ir-riskju ta` korriment huwa akbar *una volta* x-xufier ma ghandu ripar ta’ xejn. Mela l-*braking distance* u t-*thinking distance* fil-kaz ta` mutur iridu jittiehdu fil-kuntest propju tal-vettura koncernata. Ghal dik li hija reattivita`, b’mod generali, din il-Qorti tghid li x-xufier tat-triq principali ghandu kull ragun jestenna li xufier gej minn minn triq sekondarja markata bi *stop sign* fil-fatt se jieqaf tabilhaqq jew jekk jieqaf johrog biss fit-triq principali meta din tal-ahhar tkun libera. Huwa indikat jekk din il-Qorti ticcita bran mis-sentenza Ingliza “**Tocci vs Hankard**” (1966, 110 S.J. 835 C.A.) –

> *““one ought not to be critical of what is done on the spur of the moment when a dangerous situation had been created by someone else. Where a person is placed in a danger by the wrongful act of another, he is not to blame if he does not do quite the right thing in the circumstances.*”

“Din il-Qorti tghid li l-kawza unika u determinanti ta' dan l-incident kien is-sewqan hazin tal-konvenut, minghajr l-ebda htija kontributorja da parti ta' l-attur. Ghalhekk **tilqa` l-ewwel talba attrici** kif dedotta..

“**<u>Provi dwar id-Danni</u>**

“**<u>L-attur</u>** xehed li huwa korra fl-incident u ttiehed l-isptar ghall-kura fejn dam gimgha. Wara li kien rilaxxjat, invistah it-Tabib Joseph Vella, it-tabib tal-familja. Fost l-ghadd ta` griehi li kellu, l-attur ighid li garrab ksur fis-sieq tal-lemin li tpoggiet fil-gibs. Xi tlitt gimghat wara l-incident, rega` mar l-isptar u tnehha l-gibs. Minkejja li tnehha l-gibs, baqa` jilmenta minn ugigh f`dik is-sieq l-aktar fl-ghaksa sa sena wara l-incident. Il-problemi fl-ghaksa baqghu jippersistu bil-konsegwenza li kellu diffikulta` fil-mixi u ma setax jilghab aktar il-futbol. L-ispecjalista li nvistah kien Mr. Charles Grixti MD FRCS li rrakomandalu t-terapija. Huwa mar privatament ghand Dr. Bernadette tar-Rabat. Kawza tal-incident, saru punti f’wiccu li ghalkemm tnehhew hallew il-marki li baqghu jidhru (DOK JC1 sa JC5). Inoltre garrab telf ta’ sensitivita` fil-hageb (*eyebrow*) tax-xellug.

“**<u>L-attur</u>** kompla jixhed li skond certifikat mediku *ex parte* rilaxxjat mit-Tabib Konsulent Anthony Galea Debono (DOK JC10) huwa garrab dizabilita` ta` 17% bhala konsegwenza tal-griehi subiti fl-incident. Hallas l-ammont ta’ Lm 95 fi spejjez medici (DOK JC13 – fol 62).

“**<u>L-attur</u>** qal li fiz-zmien tal-incident huwa kien jahdem bhala welder mal-kumpannija Nazzareno Caruana Limited li taghha kien ukoll direttur. Fis-sena kalendarja 1998, kellu paga *gross* ta` Lm 6000 (DOK JC11 – fol 58). Ix-xoghol normali tieghu kien jinvolvi t-tqandil tal-hadid u wara l-incident ma setax ikompli jissapporti dak l-istrapazz.

“**<u>L-attur</u>** xehed ukoll konsegwenza tal-incident il-mutur tieghu garrab hsara kbira u sabiex jeffettwa t-tiswijiet kellu jhallas is-somma ta` Lm 2931 (DOK JC12 – fol 59 et seq).

“Fir-**<u>relazzjoni</u>** tieghu, l-**<u>espert mediku</u>** *inter alia* ighid hekk –

*““ ... Is-Sur Caruana, apparti mill-ksur fl-ghaksa l-leminija, ma garrabx ksur iehor, izda hsara fit-tessuti rotob tal-wicc, ghonq u id il-leminija. Ic-cikatrici jitbielu biz-zmien ghalkemm ma jmorrux ghal kollox. In-nuqqas ta` sensazzjoni fuq l-ghajn*

*ix-xellugija hija dovuta ghall-hsara tas-supraorbital nerve. Din il-hsara hi permanenti.*

*"Li skoss f`ghonqu jista` jtih fastidju xi kultant, l-aktar meta jerfa` hwejjeg jew jitbaxxa hazin.*

*"Il-ligamenti ta` l-ghaksa huma problema. Jekk ma fiqux s`issa x`aktarx ser jibqghu permanentement dghajfin."*

*"**Dizabilita`** : 6%*

"**It-Tabib Konsulent Anthony Galea Debono** ikkonferma bil-gurament ir-rapport tieghu a fol 55 sa 57 tal-process.

"Fir-**relazzjoni** taghhom, il-**periti addizzjonali** *inter alia* ighidu hekk –

*""... Fil-prezent, Jeffrey Caruana qieghed jilmenta minn diversi problemi li rrizultaw minn ingurja li sofra mill-incident. L-ezami kien pjuttost normali ghalkemm ghad ghandu diversi merkijiet fuq wiccu li xi whud minnhom qed ituh xi problemi.*

*"Fil-fehma taghna, Jeffrey Caruana ghandu dizabilita` fizika permanenti ta' **1%** bhala rizultat ta' l-incident ta' Jannar 1999."*

"Kienu prezentati wkoll bhala prova mill-attur xi certifikati rilaxxjati dwaru mit-Tabib Kirurgu Ivan Esposito. Dawn ic-certifikati kienu rimessi lill-periti addizzjonali sabiex ighidu jekk kellhomx aktar xi jzidu mar-relazzjoni taghhom. Fir-**relazzjoni** ulterjuri taghhom, il-**periti addizzjonali** *inter alia* qalu hekk –

*""... a bazi ta` dawn id-dokumenti, il-konkluzjonijiet tar-rapport taghna datat 24 ta` Jannar 2005 huma konfermati ghaliex mill-MRI ma jirrizultax li hemm xi hsara fl-ghakset is-sieq tal-lemin"*

“Irrizulta li l-attur kien operat fit-12 ta’ Settembru 2008 mit-Tabib Kirurgu Ivan Esposito ghal *right ankle arthroscopy* (DOK SP –fol 198). Fic-certifikat tieghu (DOK X – fol 204), Mr. Esposito *inter alia* qal hekk –

““... *he was found to have an excellent range of motion and the ankle symptoms have decreased significantly after surgery.”*

“**Likwidazzjoni tad-Danni**

“**L-Art.1045(1) tal-Kap.16** jipprospetta zewg tipi ta’ danni li huma risarcibbli –

“a) Dawk maghrufa bhala *damnum emergens* li skond l-istess subinciz huma t-*telf effettiv li l-eghmil* (tad-danneggjant) *ikun gieb direttament lill-parti li tkun batiet il-hsara* (id-danneggjat) *l-ispejjes li* d-danneggjat *seta’ kellu jaghmel minhabba l-hsara* u *t-telf ta’ paga jew qligh iehor attwali.* Ghalhekk il-karattru ewlieni tad-*damnum emergens* huwa li d-danni jridu jkunu **effettivi u attwali**.

“b) It-tip l-iehor ta’ danni kontemplat mill-istess subinciz huwa *lucrum cessans* u cioe’ *it-telf ta’ qligh li* (d-danneggjat) *ibati ‘l quddiem minhabba inkapacita’ ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.*

“***Damnum Emergens***

“Jirrizulta pruvat skond il-ligi u ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti li l-attur garrab telf attwali u effettiv fl-ammont shih ta’ **€7048.68** (Lm 3026) in kwantu ghal €6827.39 (Lm 2931) sabiex ghat-tiswija tal-hsara tal-mutur u in kwantu ghal €221.29 (Lm 95) bhala rimbors ghal spejjes medici.

“Issa fil-prospett tad-danni a fol 211, jidher li l-attur qed jirreklama *wkoll* dak li hu sejjah *telf ta’ qligh sena ma jahdimx* fl-ammont ta’ Lm 6000 skond DOK JC11 a fol 58. Din it-talba mhux qed tkun akkolta ghaliex fl-ewwel lok ma tirrizultax il-prova li l-attur tilef sena qligh ghax ma hadimx u fit-tieni lok ghax id-DOK JC11 ighid bil-maqlub ta’ dak pretiz mill-attur u cioe` - *This is to certify that to the best of our knowledge and belief, Mr. Geoffrey Caruana ID No.*

*42277M received an onoraria amounting to Lm 6000 as director of Nazzareno Caruaba Limited for the year ending 1998.*

“Ghalhekk din il-Qorti qeghda tillikwida *damnum emergens* fl-ammont ta` **€7048.68**.

*“**Lucrum Cessans***

“Din il-Qorti sejra tillikwida dawn id-danni abbazi tal-insenjamenti tas-sentenza “**Butler vs Heard**” deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Dicembru 1967 kif raffinata u aggustata matul iz-zmien.

**“I. *Multiplier***

“Is-sistema tal-*multiplier* ma jaccettax li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li kull min hu b’sahtu huwa mistenni li jibqa’ jahdem sal-eta` tal-pensjoni, izda tirrikjedi li tenut kont tal-eta’ u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja, jittiehdu numru ta’ *years purchase* bhala l-*multiplier* u li huwa normalment anqas mill-aspettattiva tal-hajja lavorativa. [**Caruana vs Camilleri** – Onorabbli Qorti tal-Appell –27 ta’ Frar 2004 ; **Bugeja vs Agius** – Onorabbli Qorti tal-Appell – 26 ta’ Lulju 1991 u ohrajn]. Fil-gurisprudenza, il-kontingenzi tal-hajja kienu kwalifikati bhala *chances and changes of life.* U ghal din ir-raguni nghad li l-Qrati ghandhom jipprocedu b`kawtela kbira peress li l-qligh futur mhux certezza u jista` jizdied jew jonqos minhabba grajjiet materjali li jghaddi minnhom id-danneggjat (“**Lambert vs Buttigieg**” – Qorti tal-Kummerc – 18 ta’ April 1963)

“Il-ligi taghna kif inhi llum thalli l-ghadd tal-*multiplier* fid-diskrezzjoni tal-gudikant ghaliex irid ikun il-gudikant li, wara li jkun qies u wizen ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jasal ghal aggustament gust u ekwu (“**Sammut vs Zammit”** – Qorti tal-Appell - 3 ta’ Dicembru, 2004). Id-diskrezzjoni li l-ligi taghti lill-gudikant mhix intiza sabiex tkun arbitriju anzi trid tkun it-twettieq tal-principju li l-ghoti ta` kumpens m`ghandux ikun ridott ghal ezercizzju matematiku izda ghandu jkun att ta` gustizzja kompensattiva.

“Fuq l-iskorta tal-gurisprudenza taghna, wiehed isib li l-ghadd tal-*multiplier* kien svarjat minn kaz ghal iehor. U ghalhekk mhux opportun li jigu citati l-figuri

kollha li taw il-Qrati taghna matul is-snin. Dak li trid taghmel din il-Qorti huwa li tqis il-fatti tal-kaz tal-lum u tippronunzja ruhha dwaru b`gustizzja u ekwita`.

“Fid-data tal-incident, l-attur kellu 22 sena. Ghalkemm skond il-Kap.318 tal-Ligijiet ta` Malta, l-eta` pensjonabbli fil-kaz tal-attur hija 65 sena (ara t-tifsira ta` “eta` pensjonabbli” fil-ligi citata), din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti piz ghall-fattur tac-*chances and changes of life,* u ghalhekk se tadotta *multiplier* ta` **35 sena**, anke ghaliex is-sistema tal- *multiplier* ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha.

**“II. Dhul Bazi**

“Il-provi tal-attur kienu skarni ghall-ahhar. Ghalkemm l-attur ighid li kien impjegat, ma ressaqx id-dokumenti fiskali bhall-P3 forms jew FS3 forms ghas-sena precedenti l-incident u cioe` 1998. L-uniku dokument li ressaq kien DOK JC11 a fol 58 li ghalkemm mhux l-ahjar prova li kienet disponibbli, il-kontenut tieghu ma kienx kontestat mill-konvenut.

“Fl-istess waqt, abbazi ta` dak id-dokument, din il-Qorti ma tista` qatt tasal biex tistabilixxi d-dhul futur prospettat tal-attur, minghajr kriterju ta` xejn, fil-figura pretiza mill-attur fil-prospett tieghu fuq riferit.

“Kollox konsiderat, inkluz il-fatt li l-attur huwa impjegat f`impriza tal-familja fejn id-dhul huwa fattur flessibbli ghall-ahhar, din il-Qorti tqis li, fuq il-firxa tal-*multiplier*, id-dhul bazi ghandu jkun ta` **€19,000**.

**“III. Dizabilita`**

“Fejn si tratta ta` likwidazzjoni ta` danni, il-punt tassew kontrovers kien il-*quantum* tad-dizabilita` tal-attur. Dan gara ghaliex ghalkemm il-konsulent mediku ex parte tal-attur stabilixxa debilita` ta’ 17%, l-ewwel perit mediku tal-Qorti nizzel dik id-dizabilita` ghal 6%, imbaghad il-periti medici addizzjonali regghu naqsu l-figura ghal 1%.

“Evidentement ghaliex ir-rizultanti tal-esperti medici tal-Qorti kienu sfovorevoli ghalih, l-attur qed jippretendi li din il-Qorti ghandha tiskarta kull ma qalu, u

tezercita d-diskrezzjoni taghha billi tiffissa hi d-dizabilita` tieghu *arbitrio boni viri*.

“Dak pretiz mill-attur mhux se jsir minn din il-Qorti.
“Ghalkemm l-attur jiccita favur tieghu s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza “**Cefai et vs Cutajar**” deciza fid-29 ta` Mejju 2009, din il-Qorti tghid li dak kien kaz partikolari u specjali li m’ghandu x`jaqsam xejn mal-kaz tal-lum. Hemm xi trattava ta’ bennej ta` 55 sena, li kien certifikat mill-perit mediku tal-Qorti, li kellu dizabilita` ta` 8% izda fejn l-istess perit wera d-dubji tieghu kemm seta` jerga` lura ghax-xoghol. L-attur ippretenda li d-dizabilita` tieghu kellha tkun ta` 100% waqt li l-Qorti skartat l-opinjoni espressa mill-espert taghha u akkordat dizabilita` ta` 30%.

“Dak tal-lum huwa kaz fejn bl-aktar mod car u inekwivoku l-esperti medici addizzjonali sabu li l-attur kellu dizabilita` ta’ 1% biss wara li qiesu anke l-provi medici l-aktar ricenti li ressaq l-attur.

“Din il-Qorti mhix se tiddisputa l-*gudizio dell`arte* tal-periti medici addizzjonali wara li tat kont tal-mod tajjeb kif espletaw l-inkariku taghhom.

“Fl-istess waqt, din il-Qorti mhix se tadotta *the same measure of damages* li kien ittiehed fis-sentenza tal-24 ta’ Marzu 2000 moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/AJM) fil-kawza “**Debattista vs Attard**” fejn, ghalkemm f’dak il-kaz il-Qorti kienet rinfaccjata b`dizabilita` stabbilita mill-espert taghha fl-ammont tra` 1%, dehrilha li kellha tiffissa *quantum* ta` danni hi *arbitrio boni viri* u mhux skond l-ekwazzjoni ta’ Bulter vs Heard.

“Propju ghaliex l-Art.1045 tal-Kap.16 ma stabilixxa l-ebda metodu ta’ kalkolu specjali biex tasal ghal *lucrum cessans* u halla fid-diskrezzjoni tal-Qorti sabiex tasal ghall-*quantum,* tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti sejra tezercita l-latitudini li taghtha l-ligi stess, u tadotta l-figura ta` **1%** ghall-fini tal-ekwazzjoni, gwidata din il-Qorti mill-prudenza, izda fl-istess waqt mill-bzonn ta’ gustizzja u ekwita’ kemm fil-konfront tad-danneggjat izda anke anke fil-konfront tad-danneggjant.

**“IV. *Lump Sum Payment***

“L-incident in esami gara fil-11 ta’ Jannar 1999. L-attur ippresenta ic-citazzjoni fis-26 ta’ Ottubru 2001. Abbazi tas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta’ Ottubru 2005 fil-kawzi fl-ismijiet **“Sammut et vs Meilaq et”, “Farrugia et vs Meilaq et” u “Scicluna et vs Meilaq et”**, tnaqqis ta’ 20% ghal “l*ump sum payment*” ghandu jibda jigi gradwalment ridott meta bejn id-data tal-presentata

tac-citazzjoni u d-data tas-sentenza jghaddu aktar minn tliet snin. Ir-riduzzjoni tkun ta` 2% kull sena in eccess tat-tliet snin. Ghalhekk, fil-kaz in esami, ir-riduzzjoni ghal *lump sum payment* ghandha tkun ta` **8%.**

**"V. Il-*Quantum* tad-Danni**

"Il-*lucrum cessans* tal-attur qed jigi likwidat hekk –

19,000 x 35 x 1% x 92% = **€6118.**

"Maghdud mad-*damnum emergens* fl-ammont ta` **€7048.68,** id-danni shah tal-attur jammontaw ghal **€13,166.68**.

**"Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u –**

**"1) Fl-ewwel lok, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza.**

**"2) Fit-tieni lok, tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta' tlettax-il elf mija sitta u sittin Ewro tmienja u sittin centezmu (€13,166.68)**

**"3) Fit-tielet lok, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' tlettax-il elf mija sitta u sittin Ewro tmienja u sittin centezmu (€13,166.68) in linea ta' danni, bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena, b'effett mil-lum.**

**"4) Fir-raba' lok, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza."**

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkunsidrat:

**L-Aggravju tal-Attur**

Kif inghad l-appellant qed jappella biss minn dik il-parti tas-sentenza fejn huwa gie kkundannat ihallas id-danni fis-sens li qed jitlob li dik is-somma tigi ridotta ghal sitt elef, tliet mija, disgha u tletin Euro u disgha u ghoxrin centezmi (€6,339.29). Fi ftit kliem qed isostni li l-Qorti qatt ma kellha tikkundannah ihallas is-somma ta' elfejn, disa' mija u wiehed u tletin Liri Maltin (Lm2,931) bhala *damnum emergens* ghaliex il-mutur li kien isuq ma kienx tieghu u allura d-danni ma sofrihomx l-attur izda xi hadd iehor (missier l-istess attur).

L-attur pero` sa mill-bidu tal-proceduri ddikjara bil-gurament illi *"Nghid li fil-fatt il-mutur irrangajtu u hallast dak l-ammont (M2931) minn buti."* Missieru Nazareno Caruana illi indubbjament jirrizulta li l-mutur huwa registrat fuqu, imkien ma semma fl-affidavit tieghu min hallas l-ispejjez u allura dan huwa indikattiv li l-ispejjez harighom effettivament l-attur. Anzi l-istess Nazzareno Caruana jaghmel riferenza ghall-'mutur tat-tifel' – indikazzjoni li ghalkemm ir-registrazzjoni kienet f'ismu, huwa kien iqis il-mutur bhala proprjeta` ta' ibnu u

allura din hija indikazzjoni cara li d-danni sofrihom l-attur u allura l-Qorti ghamlet sewwa li inkludiet l-ispejjez biex issewwiet il-hsara in segwitu` ghall-incident mad-danni li sofra l-attur.

Oltre dan trattandosi ta' kwistjoni ta' fatt mhux normali li din il-Qorti tiddisturba apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti. Dwar dan infatti l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li *"il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qat ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor."*

Din il-Qorti pero` jidrilha li l-apprezzament tal-provi f'dan ir-rigward da parti tal-ewwel Qorti kien korrett u allura l-appell principali se jigi michud.

**<u>Appell Incidentali</u>**

Fl-appell incidentali tieghu l-attur qed jargumenta illi d-dokument JC11 illi fuqu l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha dwar id-danni subiti in konnessjoni mal-impjieg tieghu kien jirreferi ghas-sena 1998; kwindi billi huwa korra fl-1999 huwa sofra danni ammontanti ghal tlettax-il elf, disa' mija sitta u sebghin Euro (€13,976) aktar minn dak akkordat. Dan ghaliex l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha jidher li hasbet li l-attur kien qed jitlob hlas ghas-sena 1998 meta d-dokument jghid car u tond li l-attur kien thallas ghal dik is-sena – naturalment ghaliex kien ghadu ma weggax billi l-incident sehh fil-bidu ta' Jannar tas-sena ta' wara, cioe` fl-1999.

Dan huwa minnu; l-attur ipproduca d-dikjarazzjoni tal-awditur tas-socjeta` li maghha kien direttur evidentement biex juri kemm kien qed jaqla' bhala salarju (bhala direttur) u mhux biex jirreklama ammont ghal dik is-sena. Madankollu l-attur imkien ma qal li dam sena 'il boghod mix-xoghol u kien biss fir-rapport mediku li huwa indikat li beda jahdem ta' sewwieq ta' *fork lifter wara sena barra mix-xoghol tieghu ta' welder*. Ir-rapporti medici (kompriz ta' Dr. Anthony Galea Debono) jindikaw li huwa dam hafna jhoss l-ugiegh kawzat mill-incident madankollu minn imkien ma jirrizulta mill-atti li dam sena nieqes **mix-xoghol normali** tieghu u wisq inqas li huwa sofra xi telf f'dan l-aspett minhabba l-incident. Ghalhekk it-talba tieghu f'dan ir-rigward fil-fehma tal-Qorti hija nieqsa mill-element ta' prova necessarja biex tigi milqugha. Kwindi l-ammont pagabbli bhala *damnum emergens* tibqa kif likwidata mill-ewwel Qorti

u cioe` sebat elef u tmienja u erbghin Euro u tmienja u sittin centezmi (€7,048.68).

Fl-istess appell incidentali l-appellat jirreferi wkoll ghat-tnaqqas ta’ tmienja fil-mija (8%) minhabba l-hlas f’daqqa u jghid li fic-cirkostanzi billi l-kawza issa twalet b’erba’ snin ohra, ma ghandux ikun hemm dan it-tnaqqis. Hawnhekk il-Qorti taqbel mieghu; wara kawza li damet tlettax-il sena mhux gust li jsir it-tnaqqis mis-somma ta’ sitt elef, sitt mija u hamsin Euro (€6,650) (19,000 multiplikat b’35 b’1 fil-mija) ghal *lucrum cessans* gia` likwidata mill-ewwel Qorti.

Kwindi l-ammont li qed tillikwida din il-Qorti bhala hlas pagabbli lill-attur appellat ghandu jkun tlettax-il elf, sitt mija tmienja u disghin Euro u tmienja u sittin centezmi (€13,698.68).

L-imghaxijiet ikunu dovuti xorta wahda mid-data tas-sentenza appellata skont gurisprudenza ricenti – ara per ezempju **Vassallo v. Camilleri** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta’ Jannar 2014) fejn giet ukoll citata s-sentenza **Turner v. Agius** (Appell - 28 ta’ Novembru 2003):

> *“Dwar id-dekorrenza tal-imghax, il-Qorti irriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet ‘da liquidare’ ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni propju*

> *minhabba l-principju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti ziedet pero` li l-imghax kellu jghaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument il-konvenut kellu ideja tac-cifri involuti izda kien naqas milli jiddeposita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jezimi ruhu mir-responsabilita`."*

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tichdu; tilqa' pero` l-appell incidentali riferibbilment biss ghas-somma likwidata u dan billi tirriforma s-sentenza appellata limitatament ghall-hlas tad-danni u tikkundanna lill-konvenut appellant ihallas lill-attur appellat is-somma ta' tlettax-il elf, sitt mija, tmienja u disghin Euro u tmienja u sittin centezmi (€13,698.68) minflok is-somma likwidata mill-ewwel Qorti bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata; l-ispejjez tal-kawza tal-Prim Istanza jibqghu kif gia` decizi mill-ewwel Qorti u cioe` a karigu tal-konvenut appellant filwaqt li dawk tal-appell incidentali jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

L-ispejjez tal-appell principali jkunu a karigu tal-appellant principali.

## < Sentenza Finali >

----------------------------------TMIEM----------------------------------